

## DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE NRU 157/2019

tal-14 ta' Ġunju 2019

**li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2149]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/142 tad-29 ta' Jannar 2019 dwar ir-rikonoximent tal-“Protokoll tal-Istati Uniti dwar l-Assigurazzjoni tas-Sostenibbiltà tal-Fażola tas-Sojja” biex tintwera l-konformità mal-kriterji ta’ sostenibbiltà mogħtija fid-Direttivi 98/70/KE u 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹) għandha li tīgħi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Jenħtieħ għalhekk, li l-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Il-punt li ġej jiżdied wara l-punt 6ay (id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2018/1984) tal-Kapitolu XVII tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

**“6az. 32019 D 0142:** Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/142 tad-29 ta' Jannar 2019 dwar ir-rikonoximent tal-“Protokoll tal-Istati Uniti dwar l-Assigurazzjoni tas-Sostenibbiltà tal-Fażola tas-Sojja” biex tintwera l-konformità mal-kriterji ta’ sostenibbiltà mogħtija fid-Direttivi 98/70/KE u 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 26, 30.1.2019, p. 10).”

### Artikolu 2

It-test tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2019/142 bil-lingwa Iż-żandek u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħi fil-15 ta' Ġunju 2019, dment li jkunu saru n-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE \*.

### Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsimha taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ġunju 2019.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE  
Il-President  
Claude MAERTEN*

(¹) ĠU L 26, 30.1.2019, p. 10.

(\*) L-ebda rekwiżit kostituzzjonali ma huwa indikat.